Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

6 ta' Ġunju 2017

**Is-Seba' u Sebgħin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa ser ssir nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2017 fis-7.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AĠENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Mozzjoni dwar ir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin
6. Innu tal-Mellieħa
7. Sejħa għall-Offerti MLC 5/2017 – Servizz dwar Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku
8. Sejħa għall-Offerti MLC 6/2017 - Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' dwal dekorattivi f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa u fil-Manikata
9. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ
10. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill 2017
11. Ftehim dwar l-uffiċċju informazzjoni għat-turisti (TIO)
12. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2017

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

C:\Users\Carmel Debono\Documents\Council Agendas\7th Council\Agd7_77.docx

## MOZZJONI

**5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

"Billi permezz tal-ftehim li kien sar bejn Central Mediterranean Development Corporation Ltd (Cenmed) u l-Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, tat-18 ta' Frar 2008, l-imsemmija kumpanija għaddiet somma flus lill-Awtorità tat-Trasport bil-għan li din tibni mill-ġdid it-toroq involuti fil-kawża Kunsill Lokali tal-Mellieħa kontra Cenmed;

Billi l-Kunsill baqa' jagħmel pressjoni fuq l-Awtorità responsabbli mit-Trasport sabiex tonora l-obbliġi kollha li daħlet għalihom permezz tal-imsemmi ftehim, u saħansitra offra li jimplimenta huwa stess, l-aħħar fażi tiegħu bir-rikostruzzjoni ta' l-unika triq li fadal, li tinvolvi Triq il-Qortin fil-parti li testendi minn Triq il-Kbira sa Triq il-Birwina;

Billi l-Awtorità responsabbli mit-Transport aċċettat din id-delega u lesta li talloka s-somma ta' €345,279, ibbażata fuq stima li saret mill-perit tal-kuntrattur konċernat, illi tinkludi wkoll it-tiġdid tal-infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi, kif ukoll sistema ġdida għall-immaniġġjar tat-traffiku fil-parti fejn Triq il-Qortin tingħaqad ma' Triq il-Birwina u Triq il-Gardell;

Billi din il-materja diġa ġiet diskussa waqt is-Seduta Nru. 76 imsejħa b'urġenza fil-11 ta' Mejju 2017, segwita bl-iffirmar tal-ftehim relattiv bejn il-Kunsill u l-Awtorità responsabbli mit-Trasport, fit-22 ta' Mejju 2017;

Il-Kunsill jirriżolvi li jirrattifika l-ftehim tat-22 ta Mejju 2017 u jawtorizza l-implimentazzjoni tiegħu hekk kif ikun hemm il-permessi meħtieġa biex dan ikun jista' jinbeda.". (T/4/13/Vol XI)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg<br>Proponent | Joseph Gauci<br>Sekondant |